MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 134/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Tonna)**

**Vs**

**Massimo Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn il-31 ta' Dicembru, 2002 u l-1 ta' Jannar 2003 bejn il-10.00 p.m. u t-3.00 a.m. minn gewwa l-bajja ta' San Gorg, Triq Michel Angelo Cagiano u Triq Michel Angelo Borg, San Giljan :**
**1) ikkommetta serq ta' stereos u apparat iehor ta' Hi-Fi u cioe' stereo tal-marka Kenwood u amplifier tal-marka Jensen minn vettura IBA-821 tal-ghamla Fiesta ghad-dannu ta' George Saliba minn Haz-Zebbug, bagalja ta' kulur iswed kontenuta diversi CD's mill-**

**vettura GRG-191 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' George Attard mis-Siggiewi, stereo tal-marka Pioneer minn gewwa vettura IAJ-227 tal-ghamla Fiesta ghad-dannu ta' Karl Muscat mir-Rabat, Malta, telefon cellulari minn vettura DBI-547 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Jonathan Bondin miz-Zejtun, kif ukoll serq ta' stereo tal-ghamla Clarion mudell DX418R ta' sid mhux maghruf liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan tal-artikolu 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) aktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkometti serq minn gewwa vettura nru. JAN-410 tal-ghamla Fiat Punto detriment ta' John Paul Young minn Paola liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-istess Massimo Galea u dan ai terminu tal-artikoli 41(1)(a), 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3) u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u taht l-istess cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fuq vetturi JAN-410 a detriment ta' John Paul Young, vettura BBI-547 a detriment ta' Jonathan Bondin, vettura JAJ-227 a detriment ta' Karl Muscat, vettura GRG-191 a detriment ta' George Attard u vettura IBA-821 a detriment ta' George Saliba, hsara teccedi l-mitt lira Maltin izda ma teccediex il-hames mitt Lira Maltin u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4) u aktar talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Dicembru, 2002 u fl-ahhar gimghat qabel din id-data, gewwa l-Mosta, u bnadi ohra f'Malta u f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja**

**mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**5) illi huwa recidiv u dan skond sentenza li saret definittiva mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta wara li nstab hati ta' pussess ta' droga.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar 2004, li biha, fuq amissjoni, sabitu hati u wara li rat l-artikoli 41, 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(a), 281, 325 (b) u 28A tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal sentejn habs sospizi ghall-erba snin, u wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qeghdet lill-appellant taht ordni ta' supervizzjoni bil-kondizzjoni li hu jaderixxi ghal kollox mal-Care Plan esebit minn Josette Camilleri ghall-Agenzija Sedqa minnu ffirmat fis-6 ta' Jannar, 2004, u ghall-dan l-iskop hatret bhala Probation Officers lil Trevor Calafato u lil Josette Camilleri bhala supervisor b'dan li imponiet li jsiru 'random urine tests' kull xahar fuq l-appellant u r-rizultati tal-istess kif ukoll l-andament tieghu kellu jigi rrapportat lill-Qorti kull xahar bil-miktub u b'dan li dik l-ordni ta' supervizzjoni kellha tkun ghall-perjodu ta' hmistax il-xahar.**

**Rat in-nota tal-ufficjal tal-Probation Trevor Calafato tas-16 t'April 2004, (Fol. 95) li biha ghamel denunzja lill-Ewwel Qorti dwar il-fatt li l-appellant naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-Ewwel Qorti sabiex huwa jzomm 'il boghod mill-vizzju tad-droga u jittermina programm residenzjali, u li gie mkecci mill-programm ghax irrifjuta li jissottometti ruhu ghat-tehid ta' kampjuni ta' l-urina w ammetta li kien ha d-droga u telaq minn Santa Maria qabel ma ttiehdet decizjoni dwaru mill-Ewwel Qorti.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Gunju, 2004, li biha, wara li rat l-artikolu 28G tal-Kap. 9 u peress li l-imputat ma riedx isegwi l-programm, skattat is-sentenza ta’ prigunerija sospiza w ikkundannatu ghal sentejn habs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Gunju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat l-aggravji kollha tal-appellant;**

**Rat id-digriet taghha tal-lum li biha ddikjarat l-appell dezert peress li l-appellant naqas li jidher minkejja li issejjah diversi drabi f’hinijiet differenti;**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-lum stess fejn talab li l-kawza tigi riappuntata peress li kien hemm raguni ghan-nuqqas ta’ l-attendenza tieghu;**

**Rat id-digriet l-iehor taghha tal-lum stess li bih din il-Qorti laqghet it-talba ghar-riappuntament tal-kawza w ordnat li tinstema fis-seduta tal-lum;**

**Semghet bil-gurament lil Probation Officer Victoria Grech li mix-xhieda taghha** *inter alia* **irrizulta li l-appellant apparti l-kundanni li jidhru fil-fedina penali tieghu aggornata esebita mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum fuq ordni tal-Qorti, ghandu ukoll diversi kazijiet ohra pendenti quddiem il-Qrati fuq serq, frodi u reati ohra;**

Illi dan l-appell jolqot biss id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti meta ddeciediet li la darba kien hemm il-ksur mhux kontestat ta’ kondizzjoni importanti minnha imposta fl-ordni ta’ probation li akkompanjat s-sentenza sospiza

originali, w tordna li dik is-sentenza tigi effettivament esegwita minflok ma mmultat lill-appellant kif setghet ukoll taghmel skond il-ligi;

**Illi l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-fedina penali ta' l-appellant u l-fatt li hu ghandu kondotta refrattarja w ma jidhirx illi apprezza bis-shih l-opportunitajiet li hu gja inghata mill-Qrati biex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.**

**Ghalhekk ma ssib ebda motivazzjoni serja biex tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-Ewwel Qorti minnha ezercitata skond il-ligi;**

**Ghal dawn ir-ragnijiet tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------